**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 60**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 6 ta' Ġunju 2023 fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku (online)
Ralph Puli – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Abigail Sammut – Kunsillier (online)
Martina Grech - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppresieda l-laqgħa.

**Assenti b'Apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minħabba raġunijiet personali l-Kunsillier Abigail Sammut u l-Kunsillier Martina Grech talbu li jkunu skużati.

**60.1** ***Approvazzjoni tal-Minuti***

**60.1.1** ***Approvazzjoni tal-Minuti Nru 59***
*Is-Sindku Dr Josef Masini Vento poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 59 li kienu ċċirkolati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.*

*Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ssekonda.*

*Il-Kunsill approva l-Minuti Nru 59.*

**60.2** ***Komunikazzjoni mis-Sindku***

60.2.1 *Is-Sindku Dr Josef Masini nfurma li bħalma jaf kulħadd, l-attivita' ta' Jum Ħal Qormi kienet suċċess. Kienet idea tajba li ntramat it-tinda għaliex l-attivita' setgħet tinżamm mingħajr problemi. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento rringrazzja lill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegata Bernice Darmanin ħadmu qatigħ sabiex din l-attivita' setgħet tittella'. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento rringrazzja lill-Kunsillier Doris Zammit għall-kontribut li tat, fil-kitba tal-iscript tas-serata.*

60.2.2 *Il-Kunsillier Doris Zammit qalet li din l-attivita' kienet waħda suċċess, iżda dejjem ikun hemm fejn jiġu rranġati xi affarijiet. Ġibdet l-attenzjoni li l-palk kien żgħir u dawk li ngħataw l-unuri ma telgħux fuq il-palk.*

60.2.3 *Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se jkun qed isir xogħol ta' tindif fil-korsija tal-ilma tal-wied, bi stima ta' € 1200. Il-Kunsill approva din in-nefqa.*

60.2.4 *Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill ingħata € 11,000 fondi mill-iskema tal-letrini pubbliċi mnedija mir-Reġjun Nofisnhar.*

60.2.5 *Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li bħalissa l-Kunsill qed jaħdem b'servizz ta' emerġenza, għat-tindif tal-letrini u l-bieraħ saret site-inspection mis-Segretarju Eżekuttiv u l-Contract Manager tal-Kunsill fil-letrina ta' Triq San Bartolomew u jidher li hija miżmuma tajjeb ħafna. Fil-fatt is-site inspection saret fit-3.00 ta' wara nofsinhar u l-letrina instabet fi stat tajjeb ħafna ta' ndafa.*

60.2.6 *Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li mhux l-istess jista' jingħad għal letrina ta' Pjazza Federico Maempel, fejn il-kuntrattur mar jara x'hemm bżonn manutenzjoni f'din il-letrina u sab diżastru. Fil-fatt sab il-vitjiet tal-ilma kollha mqaċċtin u l-ilma ħiereġ minn kullimkien, it-toilets kollha msakkrin u biex jinfetħu kellu jiżgassa l-bibien. Mill-istima li għamel hemm madwar € 1,200 fi ħsarat. Il-Kuntrattur talab lis-Segretarju Eżekuttiv tkellem lill-eletrician tal-Kunsill sabiex jidħol għal manutenzjoni tad-dwal tal-letrina għax kollox imkisser u maħruq hemm. Din l-ispiża mhiex parti mill-€1,200. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-kuntrattur jieħu r-ritratti tal-ħsarat sabiex jiġu ppreżentati l-Qorti, la l-kuntrattur li kellna għoġbu jiftaħ kawża.*

*Il-Kunsill approva li ssir il-manutenzjoni meħtieġa.*

60.2.7 *Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li kellu talba mill-Għaqda tan-Nar 23 t'April, fejn talbu li l-Kunsill jidħol għall-ispiża ta' tindif tal-għelieqi minn fejn jinħaraq in-nar. L-istima tammonta għal € 1,700.*

*Minkejja li s-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li dan ix-xogħol huwa privat, il-Kunsill approva din in-nefqa.*

60.2.8 *Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li kellu talba mingħand sid ta' razzett fi Sqaq Awzara fejn qed jitlob li jsir xogħol ta' konkos fir-rampa quddiem l-entratura tiegħu. Din l-istima tammonta għal € 480. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ritratt li ttieħed mill-kuntrattur fejn jidher li t-talba qed issir fuq barra tax-xatba. Il-Kunsillier Ralph Puli ġibed l-attenzjoni li fl-ebda ħin ma jsir xogħol mix-xatba 'l ġewwa.*

*Il-Kunsill approva din l-ispiża.*

60.2.9 ***Il-Kunsilier Daniel Ablett** talab li jsir ftit konkos bejn it-tarmac u l-parking area ta' ħdejn il-Qormi Football Grounds għaliex hemm periklu kontinwu. Il-Kunsill approva li jsir il-konkos mitlub.*

60.2.10 ***Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li ntalbet stima lill-kuntrattur tal-Kunsill għal xogħol ta' konkos tul Ġnien de la Cruz, sabiex ikun possibbli li jsiru l-arbli l-ġodda. Din l-istima tammonta għal € 31,500. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japplika għall-Urban Development Funds sabiex isir dan il-proġett ta' dwal ġodda fi Ġnien de la Cruz. Il-Kunsill approva.*

60.2.11 ***Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda stima li nġabret sabiex isiru t-toqob tal-festa tul Triq San Bastjan u Triq San Bartolomew,*

*liema stima tammonta għal € 5,097. Il-Kunsill ma qabilx li jagħmel tajjeb għal din l-ispiża u qabel li jerġa' jsir kuntatt mal-kuntrattur tal-Kunsill, li kien ippreżenta stima ferm inqas.*

60.2.12 ***Is-Sindku Dr Josef Masini Vento*** *nfurma li bħalma forsi jafu l-membri, nhar is-Sibt saret spezzjoni mill-Pulizija fuq il-Monti ta' Ħal Qormi u sabu diżastru sħiħ, b'bosta bejjiegħa li qed jarmaw fil-Monti mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill u hemm bosta abbużi fejn il-bejjiegħa qed jikru l-posti, b'mod illegali. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li ssir l-attendenza għal 6 ġimgħat, kif titlob il-liġi u dawk il-posti li huma vakanti jimtlew mill-bejjiegħa li hemm fuq il-waiting list. Din il-waiting list ilha mwaqqfa mill-2004 u jaf jagħti l-każ li hemm ħafna applikanti li mhux se jkunu nteressati japplikaw għal posta. B'hekk ikun possibbli li bejjiegħa ġenwini li jixtiequ jarmaw fil-monti jkollhom posta regolata mingħajr diffikultajiet.*

*Il-Kunsill approva.*

60.2.13 ***Is-Sindku Dr Josef Masini Vento*** *nfurma li bħalma jafu l-membri, l-problemi tal-ġbir tal-iskart baqgħu ma' wiċċ il-Kunsill. Fil-fatt, il-ġimgħa l-oħra kellna diżastru fil-ġbir tal-organic u tal-borża s-sewda. Is-Sindku qal li din il-kummiedja li l-istaff irid joqgħod jirrapporta bic-chat tal-WhatsUp, kif qalulna r-Reġjun, mhu twassal imkien, għaliex il-kuntrattur qed jibqa' jagħmel ta' rasu u l-kontijiet qed jibqgħu telgħin m'għola s-smewwiet. Is-Sindku nfurma li llum, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Contract Manager għamlu sagħtejn iduru ġo Ħal Qormi, waħda fiz-zoni tal-parroċċa San Bastjan u l-ieħor fiz-zona ta' San Ġorġ. Dan l-eżerċizzju sar sabiex jiġi identifikat jekk hemmx nuqqasijiet mill-kuntrattur jew traskuraġni tar-residenti. Jidher li l-kollettur, mal-borża s-sewda ġabar il-kartun ta' ħwienet privati, meta dan suppost jinġabar nhar ta' Ħamis. Dan in-nuqqas ġie rrapurtat lir-Reġjun Nofsinhar.*

***Is-Sindku Dr Josef Masini Vento*** *spjega li l-kwistjoni tal-ġbir tal-iskart taċ-ċimiterji, fejn il-Kunsilli intalbu ħlas ta' € 186 fil-ġimgħa għal dan is-servizz. Kien hemm argument sħiħ mar-Reġjun dwar din ir-rata, fejn anke Kunsilli oħra ma qablux. Fil-fatt il-Kunsill Lokali taż-Żejtun ġab stima oħra għall-prezz ta' € 120 fix-xahar, li kienet ippreżentatha lir-Reġjun u wara ġie kkonfermat li dan is-servizz se jingħata bil-prezz ta' € 120 għaċ-Ċimiterji kollha tar-Reġjun.*

*Il-Kunsill iddiskuta dawn id-diffikultajiet u ġie deċiż li jiġi sospiż il-pagament għax-xahar, b'mod immedjat, sakemm il-Kunsill ikollu kjarifika ta' dawn il-kwistjonijiet.*

## 60.3 *AUDITED FINANCIAL STATEMENTS*

*Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-Audited Financial Statements 2022.*

*Il-Kunsill approva l-Audited Financial Statements.*

## 60.4 *Festa San Ġorġ 2023*

*Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li kollox jinsab lest għall-festa San Ġorġ. Is-Sindku nfurma li se jkunu qed jiżdiedu l-bins fi Pjazza San Franġisk, Triq il-Wied u Triq Abel J. Mizzi. Se jkunu qed isiru numru ta' mobile toilets.*

*Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li bħalma ġara fis-snin l-imgħoddija qed jintalab permess sabiex jintrama bar fi Pjazza San Franġisk, il-Ħamis u l-Ħadd filgħodu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-permess, fil-passat kien jinħareġ fuq il-Qormi Football Club, iżda matul l-aħħar snin, dan il-bar għalaq u għaldaqstant liċenzja m'hemmx.*

*Il-membri ddiskutew din l-applikazzjoni fejn il-Kunsillier Daniel Ablett saħaq li ġaladarba l-permess dejjem inħareġ, għandhu jinħareġ din is-sena wkoll. Il-Kunsilliera ma bdewx jaqblu u jekk hemm illegalita', l-Kunsill m'għandux jagħti l-permess mitlub.*

*Kien għalhekk li ġie deċiż li l-applikant iġib permess mill-Malta Tourism Authority sabiex ibigħ xorb alkoħoliku. Jekk kemm il-darba dan il-permess jingħata mill-MTA, l-Kunsill joħroġ il-permess mitlub.*

## 60.5 *Skeda ta' Ħlasijiet*

*Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Mejju 2023.*

*Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni dwar il-pagament lis-soċjetajiet mużikali fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Qormi, għaliex fid-diskussjonijiet kien hemm ftehim li l-ewwel jitħallsu l-bandisti barranin imbagħad il-kumplament jinqasmu ugwalment fuq it-tlett soċjetajiet.*

*Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ppropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.*
*Il-Kunsillier Doris Zammit is-sekondat.*

*Il-Kunsill approva l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Mejju 2023.*

**60.6 *Ħwejjeġ Oħra***

*Il-Kunsillier Daniel Ablett fakar fl-attivita' li se tinżamm il-Ġimgħa 16 ta' Ġunju mill-Qormi Football Cub flimkien mal-Kunsill Lokali. Din l-attivita' se tinżamm fi Triq il-Wied.*

*Il-Kunsillier Daniel Ablett talab li tiġi nstallata road hump fi Triq id-Drama sabiex ittaffi l-problema ta' sewqan eċċessiv fit-triq imsemmija. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurmah li r-residenti għandhom jippreżentaw petizzjoni ffirmata lill-Kunsill.*

**60.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 27 ta' Ġunju 2023 fis-6.30p.m.

Konfermati, illum, 3 ta' Lulju 2023.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ______________________ | ______________________ |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |